BIRKIRKARA

Minuti tat-tlieta u ħamsin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu 2016 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| | **Il-Membri** |
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)<br>Is-Sur Michael Fenech Adami<br>Is-Sur Kaylocke Buhagiar<br>Is-Sur Liam Gauci<br>Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti)<br>Is-Sur Mark George Abdilla<br>Is-Sur Anthony Buttigieg<br>Is-Sur John Mary Calleja<br>Is-Sur Herbert Conti<br>Is-Sur John Mizzi<br>Is-Sinjura Marie Claire Zammit<br>Is-Sur John Borg |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assenta) |
| **L-Uffiċċjal:**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Neil Spiteri |

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sur John Borg, is-Sur Kaylocke Buhagiar u l-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla. Dr.Josianne Cardona Gatt kienet assenti.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien preżenti ċ-*chairperson* is-Sur Matthew Mangion.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenti.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

## Talba

Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

BIRKIRKARA

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 52

1.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 52, ġew imqassma u ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u wara li s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom, dawn ġew issekondati mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg u approvati unanimament.

## 2. Punti mqajjma mill-minuti

2.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li rigward it-tender ta' ġbir ta' l-iskart il-Qorti ta' l-Appell iddeċidiet illi l-Aġġudikazzjoni għandha terġa' tibda mill-ġdid. Għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, għaliex il-Qorti ddeċidiet hekk, is-Segretarju Eżekuttiv għaddha kopja tas-sentenza li fiha xi ħmistax –il paġna għax qal li ma xtaqtx jagħti tagħrif li mhux eżatt billi s-sentenza hija twila u teknika ħafna.

## 3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi minflok l-impjegat is-Sur Andrea Camilleri, se toħroġ call għal impjegat *part time*.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġejna avviċinati mill-kumpanija DHL biex dawn jinstallaw magna isfel fuq barra sabiex klijenti tagħhom ikunu jistgħu jiġbru l-pakketti u dawn offrew lill-Kunsill 1200euro fis-sena, u li jagħmlu kamera a spejjeż tagħhom. Kien hemm qbil illi dan il-ftehim li se jkun ta' benefiċċju għan-nies in ġenerali jiġi ffirmat.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nfetħet il-kwotazzjoni għal żewġ bibien tal-ħġieġ, u għal din is-sejħa wieġbet kumpanija waħda, Chetcuti Finishing Works, li tefa' prezz ta' 2,522 VAT inkluż. Kien hemm qbil illi x-xogħol jingħata lil Chetcuti Works.

3.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lis-Segretarju Eżekuttiv joħroġ kwotazzjoni għal xi tip ta' *barrier elettronika* għall-garaxx ta' isfel għax hemm wisq *parking* bl-addoċċ u hemm iktar nies li ma għandhomx x'jaqsmu m'hawn li jipparkjaw hemm milli nies jaħdmu hawn. Din titħaddem b'xi tip ta' *cards*. Il-Kunsill qabel nem. con. Is-Sindku talbet ukoll lis-Segretarju joħroġ kwotazzjoni għal bieb ta' isfel għax dan mhux jaħdem b'mod elettroniku. Il-bieb huwa dak prinċipali taċ-ċentru ċiviku. Anke hawnhekk, il-Kunsill qabel bla oġġezzjoni.

3.5 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit qalet illi n-nies li joqogħdu ħdejn l-Oratorju mxebbgħin għax ix-xogħlijiet ta' drenaġġ li qed isiru hemmhekk ilhom ħafna għaddejjin u ħadd ma jaf meta se jitlestew. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li s-Sinjura Zammit għandha raġun u għandha tinkiteb ittra lill-*Water Services Corporation* li qed jagħmlu x-xogħlijiet biex jgħidulna meta fi ħsiebhom ilestu l-proġett u nżommuhom responsabbli jekk saddew xi *culverts*. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami hawnhekk qal illi l-*culverts* li hemm hemmhekk ma jagħtu għal imkien u huma żgħar wisq u meta kien Sindku hu kellu ftehim biex isir *culvert* li jaqsam il-*by-pass* u jingħaqad ma' dak ta' Triq San Ġiljan. Iżda mistoqsi mis-Sindku preżenti jekk għandux dan il-ftehim bil-miktub, hu wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-Kunsill talab lil WSC biex jagħmlu xogħlijiet ġodda ta' *culverts* imma ma sarux għax qalu li ma kienux fil-pjanijiet.

3.6 il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit qalet ukoll li hemm ħofra kbira n-naħa t'isfel ta' Triq San Ġiljan fejn saru l-bandli ġodda u Alla ħares jaqa' xi tifel fiha.

3.7 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-WSC għamlet xi xogħlijiet fi Triq Bontadini u għamlu rebus. Hu qal li hemm bżonn naraw min huma l-kuntratturi u nżommuhom responsabbli.

## 4. Korrispondenza

4.1 Inqrat proposta mingħand il-*Mediterranean Academy of Culture, Tourism and Trade*, NGO Taljana li din qed toffri li tgħin lill-Kunsill biex isib villaġġ Taljan biex miegħu isir ġemellaġġ. Isir *memorandum of understanding* fejn il-Kunsill bl-ebda mod ma hu se jħallas għas-servizz li tagħtih din l-akkademja li se ġġib fondi mill-UE u tkun *lead partner*. Is-Sindku qalet lis-Segretarju Eżekuttiv li jekk din ma tmurx kontra xi direttiva, immexxu.

4.2 Inqrat ittra bl-avvukat li kitbu *Northern Cleaning* fejn qed jitolbu s-somma ta' 186,000 euro fi żmien ġimgħa, dan wara li tilfu t-*tender*. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li xorta se ssir kontestazzjoni ta' xi ammonti dwar *extras* ta' skipps u se tara minn meta telgħet hi kemm kien hawn skipps. Pero' it-tweġiba se ssir mill-avvukat tal-Kunsill la huma kitbu bl-avvukat.

## 5. Attendenza Kunsilliera

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba l-assenzi twal tal-kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt, ma kellux triq oħra ħlief li issa jirraporta lill-Ministru. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi din kienet diġa' ssemmiet żewġ laqgħat ilu, u s-Segretarju kellu jikteb lill-Ministru u mbagħad jaraha hu x'għandu jsir. Kien hemm qbil illi s-Segretarju għandu jikteb lill-Ministru u jinfurmah bl-assenza tal-kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt.

## 6. Migrazzjoni sħiħa għall-akkwist elettroniku – bord ta' aġġudikazzjoni

6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi rigward l-*e tenders*, għandna bżonn naħtru l-bord ġdid ta' aġġudikazzjoni. Hija qalet li jinħtieġ ħames membri, *chairperson* u segretarju li ma jkollhomx vot u tliet kunsilliera li jivvutaw. Hija pproponiet li ċ-*Chairperson* ikun is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u s-Segretarju tal-Bord ikun xi ħadd mill-istaff. Madankollu meta ġew biex jintgħażlu t-tliet kunsilliera, il-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk min se jkun fil-bord u jivvota, jistax imbagħad jivvota dwar l-aġġudikazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill. Dwar dan se tintalab gwida mid-Dipartiment għax ir-risposta mhix ċara.

## 7. *Tenders* ġodda

7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-Kunsill rebaħ 35,000 euro mingħand il-Bord Proġetti Kapitali biex jirranġa l-latrini tal-Wied u tal-Ħerba pero' s-Sindku qalet li fl-istess waqt il-Kunsill ġie avviċinat mill-MTA li jridu jieħdu l-latrini taħt idejhom. Hija qalet illi talbet lid-Dipartiment nistgħux naqilbu dawn il-fondi fuq xi proġett ieħor imma ma nistgħux. Hawnhekk żvolġiet diskussjoni fejn il-Kunsillier s-Sur John Borg qal li togħġbu s-sistema tal-latrini fil-Belt fejn trid tħallas biex tinfetaħ u din taqta' l-abbużi. Madankollu hu qal li wieħed irid ikollu aktar tagħrif dwar x'*refurbishment* se jsir mill-MTA u kif se titħaddem is-sistema għax in-nies li jużaw il-latrini f'Birkirkara ġeneralment mhux turisti. Is-Sindku ħa tgħid lill-MTA jiltaqgħu magħna xi darba fil-għaxija sabiex jispjegawlna l-proposta tagħhom. Id-data titħabbar lill-kunsilliera kollha ħalli kulħadd ikollu l-opportunita' li jiġi.

7.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-Kunsill rebaħ ukoll 43,000euro mill-istess bord sabiex jiġi rinovat il-vagun tal-ferrovija u għalhekk għandu bżonn jinħareġ *tender* għal dan ix-xogħol. Ħadd ma kellu oġġezzjoni.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti, skeda 38 u *Petty Cash*

8.1 L-iskeda tal-*petty cash* u tal-pagamenti 38 ġew approvati fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur John Mizzi ssekondata mill-Kunsillier is-Sur JM Jimmy Calleja.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi għadhom qed jitilgħu kontijiet relatati ma' Birkirkara maż-Żminijiet. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex għall-laqgħa li jmiss jippreżenta l-informazzjoni kollha ta' kemm ġiet tiswa b'kollox l-attivita'.

Wara li ġiet esawrita l-aġenda, kien hemm diskussjonijiet fuq temi oħra.

8.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi bħala reġjun ċentru, se jippruvaw jagħmlu *bye-law* illi meta jiġi xi ħadd biex jagħmel permess tax-xogħol, irid bilfors jippreżenta l-i*skills card* u *risk assessment*.

8.4 Fuq mistoqsija tal-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg segwiet diskussjoni dwar il-LESA li għadha ma ħallsitx lir-reġjun ċentru l-ammonti dovuti u għalhekk ir-reġjun ċentru ma jistax iqassam aktar fondi lill-Kunsilli għalissa.

8.5 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami saqsa min qed jiddeċiedi min se jmur għall-bord tal-MEPA. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qaltlu li hi. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li kien hemm ftehim illi kellu jmur il-perit tal-Kunsill. Hu qal ukoll illi kif se jivvota l-Kunsill għandha tiġi deċiża f'laqgħa tal-Kunsill. Dwar *Mrieħel Towers* is-Sindku is-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-Kunsill kien diġa ddeċieda. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-MEPA qatt ma kkonsultat magħna u kien żball li bagħtna lil xi ħadd biex jivvota. Hawnhekk ma kienx hawn qbil. Il-Kunsillier is-Sur John Borg qal li ma kellux biżżejjed informazzjoni biex jieħu posizzjoni u l-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla qal li hu kontra l-proġett *on a personal level*. Il-Kunsillier is-Sur Herbert Conti qal li hu favur l-investiment u meta tela' Portomaso ħadd ma qal xejn. Hu qal li s-Sindku għandha dritt tibgħat lil min trid. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech insistiet li *Mrieħel Towers* konna diġa ddiskutejnihom u ħadd ma oġġezzjona għal dan il-proġett anke meta talbet biex jekk kien hawn xi ħadd kontra, jitlob vot. Ġie mitlub illi jiġu kkonsultati r-*recordings* u tittieħed *ruling* mid-Dipartiment Gvern Lokali dwar min għandu jirrappreżenta lill-Kunsill fuq il-bord tal-MEPA.

## 9. Aġġornament

9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru 2016 fis-6pm.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |

Segwi l-laqgħat live fuq

http://www.birkirkaralocalcouncil.com/live-feed